

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

**REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 876/2013**

**tat-28 ta' Mejju 2013**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kulleġġi għall-kontropartijiet ċentrali**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 244, 13.9.2013, p. 19)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2145 tal-1 ta' L 428	1	18.12.2020

Settembru 2020

**▼B****REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE)  
Nru 876/2013****tat-28 ta' Meju 2013**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kulleġġi għall-kontropartijet ċentrali**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

*Artikolu 1***Determinazzjoni tal-aktar muniti rilevanti**

1. L-aktar muniti rilevanti tal-Unjoni għandhom jiġu identifikati abbażi tas-sehem relativ ta' kull munita fil-medja tal-pożizzjonijiet miftuħa ta' tmiem il-jum tas-CCP fl-istumenti finanzjarji kollha kklerjati mis-CCP, ikkalkulat fuq perjodu ta' sena.
2. L-aktar muniti rilevanti tal-Unjoni jkunu t-tliet muniti bl-ogħla sehem relativ ikkalkulat skont il-paragrafu 1 sakemm kull sehem individwali jaqbeż l-10 %.
3. Il-kalkolu tas-sehem relativ tal-muniti għandu jiġi kkalkulat fuq bażi annwali.

*Artikolu 2***L-organizzazzjoni operattiva tal-kulleġġi**

1. Wara li tivvaluta li applikazzjoni tkun kompleta kif imsemmi fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tiċċirkola proposta għal ftehim bil-miktub skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 lill-membri tal-kulleġġi stabbilit skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Dak il-ftehim bil-miktub jinkludi proċess għal analiżi annwali. Għandu jinkludi wkoll proċess ta' emendar li bih ikunu jistgħu jinbdew bidliet fi kwalunkwe ħin mill-awtorità kompetenti tas-CCP jew minn membri oħra tal-kulleġġi, soġġett għall-approvażzjoni mill-kulleġġi skont il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.
2. Fejn il-membri tal-kulleġġi imsemmija fil-paragrafu 1 ma jagħtu l-ebda kummenti fi żmien 10 ijiem tal-kalendaru, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tiproċċedi bl-adozzjoni tal-ftehim bil-miktub mill-kulleġġi u bl-istabbiliment tal-kulleġġi skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.
3. Fejn il-membri tal-kulleġġi jesprimu kummenti dwar il-proposta ta' ftehim bil-miktub ċirkolat skont il-paragrafu 1, huma għandhom jissottommu dawk il-kummenti flimkien ma' spjegazzjoni bir-reqqa lill-awtorità kompetenti tas-CCP fi żmien 10 ijiem tal-kalendaru. Jekk rilevanti, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tħejji proposta riveduta u tisżejjah laqgħa biex jintlaħaq ftehim dwar il-ftehim bil-miktub finali filwaqt li titqies l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

**▼B**

4. Il-kulleġġ għandu jitqies stabbilit wara l-adozzjoni tal-ftehim bil-miktub.

**▼M1**

- 4a. L-awtoritajiet kompetenti kif imsemmijin fl-Artikolu 18(2), punt (ca), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, u l-banek ċentrali tal-ħruġ kif imsemmi fl-Artikolu 18(2), punt (i), ta' dak ir-Regolament, li jixtiequ jipparteċipaw fil-kulleġġ għandhom jissottomettu talba raġunata lill-awtorità kompetenti tas-CCP. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha, fi żmien 20 jum kalendarju minn meta tirċievi t-talba, jew tipprovd i l-awtorità kompetenti jew lill-bank ċentrali rikjedenti b'kopja tal-ftehim bil-miktub għar-rieżami u l-approvazzjoni, jew tissostanza bil-miktub għaliex għiet miċħuda t-talba.

**▼B**

5. Il-membri kollha tal-kulleġġ sejkunu marbuta bil-ftehim miktub adottat skont il-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 3***Parteċipazzjoni fil-kulleġġi**

1. Meta ssir talba għal informazzjoni lil kulleġġ minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li ma jkunx membru tal-kulleġġ skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-awtorità kompetenti tas-CCP, wara li tkun ikkonsultat lill-kulleġġ, għandha tiddeċiedi dwar l-aktar mod xieraq biex tipprovd u titlob informazzjoni mingħand l-awtoritajiet li mhumiex membri tal-kulleġġ.

2. Kull membru tal-kulleġġ għandu jinnomina parteċipant wieħed biex jattendi l-laqgħat tal-kulleġġ u jista' jinnomina sostitut wieħed, bl-eċċejżżjoni tal-awtorità kompetenti tas-CCP li tista' titlob aktar parteċipanti mingħajr drittijiet tal-vot.

3. Fejn il-bank ċentrali tal-ħruġ ta' waħda mill-iżjed muniti rilevanti tal-Unjoni jikkorrispondi għal aktar minn bank ċentrali wieħed, il-banek ċentrali rilevanti jiddeterminaw rappreżentant uniku li se jipparteċipa fil-kulleġġ.

**▼M1**

4. Meta awtorità jkollha d-dritt tipparteċipa fil-kulleġġ taħt aktar minn punt wieħed minn (c) sa (i) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, tista' taħtar parteċipanti oħra mingħajr dritt tal-vot.

**▼B**

5. Fejn skont dan l-Artikolu jkun hemm aktar minn minn parteċipant wieħed minn kulleġġ membru, jew ikun hemm aktar membri tal-kulleġġ li jappartjenu għall-istess Stat Membru mill-għadd ta' voti li jistgħu jiġi eż-żejt minn dawk il-membri tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, dak il-membri tal-kulleġġ jew dawk il-membri tal-kulleġġ jinformaw lill-kulleġġ liema parteċipanti jeż-żejt drittijiet tal-vot.

**▼M1**

6. B'deroga mill-paragrafi 4 u 5, il-BĊE jista' jinnomina żewġ parteċipanti bi drittijiet tal-vot fejn ikun membru tal-kulleġġ skont iż-żewġ punti (c) u (h) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

**▼B***Artikolu 4***Governanza tal-kulleġġi**

1. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tiżgura li l-ħidma tal-kulleġġi tiffacċilita l-kompli li jridu jitwettqu skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

2. Il-Kulleġġi għandu jinnotifika lill-AETS bi kwalunkwe kompli li jwettaq il-kulleġġi skont il-paragrafu 1. L-AETS ikollha rwol ta' koordinazzjoni fil-monitoraġġ tal-kompli mwettqa minn kulleġġi u għandha tiżgura li kemm jista' jkun l-għanijiet tiegħu huma konformi ma' dawk ta' kulleġġi oħra.

3. L-awtorità kompetenti tas-CCP mill-inqas għandha tiżgura li:

- (a) l-għanijiet ta' kull laqgħa jew attivitā tal-kulleġġi ikunu identifikati b'mod ċar;
- (b) il-laqħat jew l-attivitajiet tal-kulleġġi jibqgħu effettivi, filwaqt li tiżgura li l-membri kollha tal-kulleġġi ikunu infurmati bis-sħiħ dwar l-attivitajiet tal-kulleġġi li jkunu rilevanti għalihom;
- (c) l-iskeda għal-laqħat jew l-attivitajiet tal-kulleġġi tkun ddefinita b'tali mod li r-riżultat tagħha jipprovd assistenza għas-superviżjoni tas-CCP;
- (d) is-CCP u partijiet interessati ewlenin oħra jkollhom fehim ċar tar-rwol u l-funzjonament tal-kulleġġi;
- (e) l-attivitajiet tal-kulleġġi jiġu analizzati regolarment u tittieħed azzjoni ta' rimedju jekk il-kulleġġi ma jkun qed jaħdem b'mod effettiv;
- (f) fl-āgħda jkun hemm laqgħa annwali ta' ppjanar għall-immaniġġjar tal-kriżiżiet fost il-membri tal-kulleġġi b'kooperazzjoni mas-CCP jekk meħtieġ.

4. Biex tiġi żgurata l-effiċjenza u l-effikaċja tal-kulleġġi, l-awtorità kompetenti tas-CCP taġixxi bħala punt ċentrali ta' kuntatt għal kwalunkwe kwistioni relatata mal-organizzazzjoni prattika tal-kulleġġi. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha mill-inqas twettaq il-kompli li ġejjin:

- (a) tfassil, aġġornament u ċirkolazzjoni tal-lista tal-kuntatti tal-membri tal-kulleġġi;
- (b) ċirkolazzjoni tal-āgħda kif ukoll dokumentazzjoni għal-laqħat jew l-attivitajiet tal-kulleġġi;
- (c) rekord tal-minuti tal-laqħat u formalizzazzjoni ta' punti ta' azzjoni;
- (d) immaniġġjar tal-websajt tal-kulleġġi jew ta' metodi elettroniċi oħra ta' kondivizijni tal-informazzjoni, jekk ikun hemm;

**▼B**

- (e) meta prattiku, tipprovdi informazzjoni u fejn xieraq timijiet speċjalizzati, biex tgħin lill-kulleġġ fil-kompli tiegħi;
- (f) taqsam l-informazzjoni b'mod xieraq fost il-membri tal-kulleġġ.

**▼M1**

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tiċċir-kola abbozz ta' aġenda għal kull laqgħa tal-kulleġġ, ħlief għal laqgħat imsejħa f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ħafna qabel kull laqgħa, sabiex il-membri tal-kulleġġ ikunu jistgħu jikkontribwixxu għat-tfassil tal-aġenda, b'mod partikolari billi jżidu punti mal-aġenda.

L-aġenda għandha tiġi ffinalizzata u mqassma mill-awtorità kompetenti tas-CCP lill-membri tal-kulleġġ fi żmien suffiċċenti qabel laqgħa tal-kulleġġ. L-awtorità kompetenti tas-CCP u membri oħra tal-kulleġġ għandhom iqassmu kwalunkwe informazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata waqt laqgħa tal-kulleġġ ferm qabel il-laqgħa.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tqassam il-minuti tal-laqgħat lill-membri tal-kulleġġ hekk kif ikun prattikabbli wara l-laqgħat u tagħtihom biżżejjed żmien biex jikkontribwixaw.

**▼B**

5. Il-frekwenza tal-laqgħat tal-kulleġġ tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti tas-CCP wara li jiġu kkunsidrat d-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità, l-implikazzjonijiet sistemiċi tas-CCP fil-ġurisdizzjonijiet u l-muniti, l-impatti potenzjali tal-aktivitajiet tas-CCP, iċ-ċirkostanzi esterni u t-talbiet potenzjali mill-membri tal-kulleġġ. Tal-anqas għandu jkun hemm laqgħa annwali tal-kulleġġ u jekk jitqies meħtieġ mill-awtorità kompetenti tas-CCP, laqgħa kull darba li jkun meħtieġ tittieħed deċiżjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha torganizza, perjodikament, laqgħat bejn il-membri tal-kulleġġ u l-maniġment superjuri tas-CCP.

**▼M1**

Il-membri tal-kulleġġ jistgħu jitolbu li l-awtorità kompetenti tas-CCP ikollha laqgħa tal-kulleġġ. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tipprovdi raġunijiet xierqa għal kwalunkwe rifiut ta' tali talba.

**▼B**

6. Il-ftehim bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 2 għandu jispeċċika kworum ta' żewġ terzi għal-laqgħat tal-kulleġġ.

7. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tagħmel ġilitha biex tiżgura li kull laqgħa tal-kulleġġ ikollha kworum validu biex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet. Fil-każ li ma jintlaħaqx kworum, il-President għandu jiżgħu li kwalunkwe deċiżjoni li teħtieġ tittieħed tiġi posposta sakemm ikun hemm kworum, b'kunsiderazzjoni tal-iskadenzi rilevanti stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

**▼M1**

8. Il-Kulleġġ jista' jivvota permezz ta' proċedura bil-miktub fejn propost mill-awtorità kompetenti tas-CCP jew fuq talba ta' membru tal-kulleġġ.

**▼B***Artikolu 5***Skambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet**

1. Kull membru ta' kulleggħ għandu jipprovdi fil-ħin lill-awtorità kompetenti tas-CCP l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-funzjonament operazzjonali tal-kulleggħ u għat-twettiq tal-attivitajiet ewlenin li fihom jipparteċipa l-membru. L-awtorità kompetenti tas-CCP tipprovdi lill-membri tal-kulleggħ b'informazzjoni u fil-ħin.

2. ►M1 L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tipprovdi mill-inqas l-informazzjoni segwenti lill-kulleggħ: ◀

- (a) tibdiliet sinifikanti fl-istruttura u s-sjeda tal-grupp tas-CCP;
- (b) tibdiliet sinifikanti fil-livell tal-kapital tas-CCP;
- (c) tibdiliet fl-organizzazzjoni, il-management superjuri, il-proċessi jew l-arranġamenti meta dawk it-tibdiliet ikollhom impatt sinifikanti fuq il-governanza jew l-immaniġġjar tar-riskju;
- (d) lista tal-membri tal-ikklerjar tas-CCP;
- (e) dettalji tal-awtoritajiet involuti fis-superviżjoni tas-CCP, inkluża kwalunkwe bidla fir-responsabbiltajiet tagħhom;
- (f) informazzjoni dwar kwalunkwe theddida materjali għall-ħila tas-CCP li jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u regolamenti oħra delegati u ta' implantazzjoni;
- (g) diffikultajiet li għandhom effetti ta' riperkussjoni potenzjalment sinifikanti;
- (h) fatturi li jiissuġgerixxu riskju għoli potenzjali ta' kontaġju;
- (i) żviluppi sinifikanti fil-pożizzjoni finanzjarja tas-CCP;
- (j) twissijiet bikrin ta' possiblità ta' diffikultajiet ta' likwidità jew frodi maġġuri;
- (k) avvenimenti ta' inadempjenza ta' membri u kwalunkwe azzjoni ta' segwitu;
- (l) sanzjonijiet u miżuri superviżorji eċċeżzjonal;
- (m) rapporti dwar problemi ta' prestazzjoni jew dwar inċidenti li seħħew u azzjonijiet ta' rimedju meħuda;
- (n) dejta regolari dwar l-attività tas-CCP, li l-ambitu u l-frekwenza tagħha tiġi miftiehma bħala parti tal-ftiehim bil-miktub deskrift fl-Artikolu 2;
- (o) ġarsa ġenerali lejn il-proposti kummerċjali ewlenin, inklużi prodotti jew servizzi ġodda li se jiġu offruti;

**▼B**

- (p) tibdil fil-mudell tar-riskju tas-CCP, ittestjar tal-istress u ttestjar retrospettiv;
- (q) tibdili fl-arranġamenti tal-interoperabbiltà tas-CCPs, fejn applikabbi;

**▼M1**

- (r) bidliet fi kwalunkwe arranġament ta' esternalizzazzjoni tas-CCP għal attivitajiet maġġuri marbuta mal-ġestjoni tar-riskju;
- (s) bidliet fir-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni, il-mudelli ta' sħubija tal-ikklerjar u l-mudelli ta' segregazzjoni tal-kontijiet tas-CCP;
- (t) bidliet fil-proċeduri ta' inadempjenza tas-CCP, u rapporti dwar it-test tal-proċeduri ta' inadempjenza tas-CCP imwettqa mis-CCP f'konformità mal-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;
- (u) bidliet fl-arranġamenti ta' pagament u saldu tas-CCP.

**▼B**

3. L-iskambju ta' informazzjoni bejn il-membri tal-kolleġġ għandu jirrifletti r-responsabbiltajiet u l-ħtieġi tal-informazzjoni tagħhom. Sabiex jiġu evitati flussy tal-informazzjoni bla ħtieġa, l-iskambju tal-informazzjoni għandu jinżamm proporzjonat u ffokat fuq ir-riskju.

4. Il-membri tal-kolleġġ għandhom iqisu l-aktar modi effettivi biex jikkomunikaw l-informazzjoni biex jiżguraw skambju ta' informazzjoni kontinwu, f'waqtu u proporzjonat.

5. Ir-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju li għandu jitħejja mill-awtorità kompetenti ta' CCP skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandu jiġi ppreżentat lill-kolleġġ fi żmien xieraq biex jiġi żgurat li l-membri tal-kolleġġ ikunu jistgħu janalizzaw u jikkontribwixxu għaliex jekk meħtieġ.

**▼M1**

6. Il-membri tal-kolleġġ għandhom jiskambjaw informazzjoni kunfidenzjali b'mezzi siguri ta' komunikazzjoni u fuq bażi ugwali.

*Artikolu 5a***Input tal-Kolleġġ dwar eżami mill-ġdid u evalwazzjoni**

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandha titressaq lill-membri tal-kolleġġ fil-ħin biex ikunu jistgħu jirrevedu u jiddiskutu dik l-informazzjoni qabel il-laqgħa li jmiss tal-kolleġġ.

**▼M1**

2. Il-membri tal-Kulleġġ jistgħu jqajmu kwalunkwe punt ta' interess jew ta' tħassib li jista' jkollhom fir-rigward tar-rieżami jew l-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti tas-CCP imsemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tqis tali punti ta' interess jew ta' tħassib sa fejn ikun possibbli u għandha tinforma lill-membru tal-kulleġġ li jkun qajjimhom kif ġew ikkunsidrati.

**▼B**

*Artikolu 6*

**Kondiżjoni volontarja u delega tal-kompi**

1. Il-membri tal-kulleġġ għandhom jiftieħmu dwar termini dettaljati ta' kwalunkwe arranġament speċifiku ta' delega u arranġamenti għall-ġhoti volontarju ta' kompi fil-membri oħra, b'mod partikolari fil-każ ta' delegi li jirriżultaw fid-delega ta' kompi superviżorji ewlenin ta' membru.

2. Partijiet għal arranġamenti speċifċi ta' delega u arranġamenti għall-ġhoti volontarju ta' kompi għandhom jiftieħmu dwar termini dettaljati li jkopri mill-inqas is-suġġetti li ġejjin:

- (a) l-aktivitajiet speċifċi f'oqsma speċifikati biċ-ċar li se jingħataw jew jiġi delegati;
- (b) il-proċeduri u l-proċessi li se jiġi applikati;
- (c) ir-rwol u r-responsabbiltajiet ta' kull parti;
- (d) it-tip ta' informazzjoni li se tiġi skambjata bejn il-partijiet.

3. Il-kondiżjoni u d-delega ta' kompi ma għandhomx jitqiesu li jirriżultaw f'bidla fl-allokazzjoni tas-setgħha deċiżjonali tal-awtorità kompetenti tas-CCP.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubbli-kazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.